# K U N S I L L  L O K A L I  K A L K A R A

1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA
WEBSITE: www.kalkaralocalcouncil.com TEL: 21665500
EMAIL: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566


**Seduta Nru:** 6-11

**Data: 28** ta' Lulju 2011

**Hin:** 17.30p.m

**Post:** Ufficcju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti :** Michael Cohen - Sindku
Norbert Grech - Vici Sindku
Maria Sultana – Kunsilliera - skuzata
Speranza Chircop – Kunsilliera
Roderick Mizzi – Kunsillier

**Minuti** :

**1. Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tas-seduta nru; 5.11 gew moqrija u approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku is-Sur Michael Cohen u sekondati mill-Kunsilliera Speranza Chircop.

**2. Punti mqajjma mill-Minuti:-**

2.1 Pjanti ghac-Centru Civiku.

Il-Kunsill gie nfurmat li saru tibdiliet mill-Perit fuq il-pjanta proposta tac-Centru Civiku minhabba li hemm id-dizlivell u ghalhekk ghandu jidhol stair lift sabiex jaghmel tajjeb ghal dan id-dizlivell.

2.3 Memo 52/2011- Car Free Day.

Il-Proposta tal-Kunsill ghal din l-iskema giet milqugha, ghal dan il-ghan ghandhom jibdew isiru l-arrangementi mehtiega sabiex din l-attivita tkun success.

2.4 Attivita Puttinu.

Ghall-festa familja Puttinu Cares li saret nhar is-16 u 17 ta' Lulju 2011 kien hemm nuqqas ta' partecipazzjoni minn nies specjalment is-Sibt filghaxija. Il-Kunsill iddiskuta x'seta wassal ghal dan in-nuqqas u li dan seta kien rizultat ta' nuqqas ta' pubblicita kemm fuq it-televizjoni kif ukoll fuq ir-radio.

2.5 Bus Shelter.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-mandat mitlub mis-Sur Kevin James Fenech ma ntlaqax mill-Qorti. Huwa qal ukoll li gurnata minn din il-gimgha is-sid tal-proprjeta in kwistjoni ltaqa` mas-Sindku fuq il-post u dan ghajjar lis-Sindku b'diversi titoli. Is-Sindku ghamel rapport lill-pulizija fejn wara ser jipprocedu bil-qorti.

2.6 Ilma hiereg fil-bajja ta' Rnella

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li din il-problema qieghda tigi investigata mill-korporazzjoni tas-servizzi tal-ilma. Il-korporazzjoni diga ikkuntattjat lill-Heritage Malta sabiex tara jekk il-problema hix qed tigi kkawzata mill-bini taghhom.

**3. Korrispondenza.**

3.1 Kuntratt tal-gbir ta' skart domestiku mhallat.

Intbghatet ittra lill-kuntrattur tas-servizz tal-gbir tal-iskart domestiku mhallat, minhabba li is-servizz m'huwiex qed jinghata kif mixtieq mill-Kunsill Lokali. Dan minhabba li l-iskips m'humiex jitnaddfu u is-servizz tal-gbir tal-iskart qieghed idum ma jsir, kif stipulat fil-kuntratt. F'din l-ittra il-kuntrattur inghata gimgha cans sabiex jirregolarizza ruhu u fin-nuqqas ta' dan il-Kunsill inaqqaslu persentagg mill-ammont tal-hlas tax-xhar ta' Lulju 2011. Nuqqas iehor huwa relatat mal-kuntratt ghat-tindif taz-zona rurali fin-naha tal-Forti Rinella. Il-Kunsill se jqabbad niex biex jaghmlu t-tindif u jitlob hlas lura minnghand il-kuntrattur ghal dan in-nuqqas.

3.2 Is-servizz tat-trasport pubbliku.

Il-Kunsill ircieva diversi lmenti minghand residenti dwar is-servizz tat-trasport pubbliku. Jidher li bir-rotta l-gdida ir-residenti m'ghandhomx jinqdew sew kif kienu qabel. Dan minhabba li l-hinijiet m'humiex jigu osservati u l-karozza m'ghadiex tghaddi fil-hin u frekwenti daqs kemm kienet qabel cioe kull siegha flok kull nofs siegha. Il-Kunsill Lokali ghamel proposta sabiex ir-rotta tax-Xghajra li hija amalgamata ma dik tal-Kalkara tinqata u terga tigi r-rotta kif kienet qabel.

3.3 Proposta ghall-Kunsilli tal-Kottonera.

Il-Kunsill ircieva proposta minn Kottoner Media dwar promozzjoni ghall-attivitajiet organizzati mill-Kunsill kif ukoll tqassim ta' materjal relatat mal-hidma tal-Kunsill fir-residenzi tal-Kalkara u l-Kottonera. Il-hlas ghal dan il-pakkett hu ta' 600 ewro fis-sena. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu ma dan il-progett.

**4. Skemi ta' finanjament ghall-Kunsilli Lokali.**

Memo 63/2011

Is-Sindku ppropona sabiex il-Kunsill japplika ghal din l-iskema billi jdahhal il-progett tal-

playing field jew ghall-isqaqien skond liema permess johrog l-ewwel.  Il-Kunsill qabel b'mod unanimu mal-proposta tas-Sindku.

## 5. Gemellagg.

Ircevejna korrispondenza mill-Comune di Crespellano, sabiex fl-okkazjoni tal-hames anniversarju mill-iffirmar tal-gemellagg bejn il-komunita tal-Kalkara u l-komunita ta' Crespellano issir diskussjoni dwar l-aspetti pozittivi li saru f'dawn l-ahhar il-hames snin u x'ghandhom ikunu il-progetti ghaz-zmien li gej.  Ghal dan il-ghan waqt din iz-zjara, ser ikun hemm ukoll numru ta' persuni li ser ikunu qieghdin jaghmlu skambju tal-hiliet taghhom.  Gew mistiedna wkoll sabiex jippartecipaw is-Surmast Joe Brown u l-kantant popolari Neville Refalo sabiex jesibixxu waqt il-festa fiera li ssir fi Crespellano mit-22 sas-26 ta' Settemrbu 2011.

## 6. Approvazzjoni tal-Lista ta' Pagamenti u xogholijiet.

6.1 Il-Kunsill approva xogholijiet fi triq Patri Mattew Sultana, Triq l-Isptar Navali, kif ukoll li jitkompla x-xoghol fil-gnien tal-iskola Primarja Kalkara.
6.2 Titnehha l-hamrija u l-materjal kollu li hemm fir-roundabout tax-Xatt.
6.3 Ser isir ukoll xoghol ta' patching f'dawn it-toroq:
Triq il-Kajjik, Triq iz-Zebbug, Triq il-Frejgatina, Triq Rinella u Triq Giovanni Ricasoli.

**Giet approvata wkoll il-lista tal-pagamenti bin-numru tar-referenza 06-11**

## 7. Aggornament

7.1 Il-Kunsilliera Speranza Chircop infurmat lill-Kunsill b'dan li gej:
a. Ser isir kors dwar kif isiru l-presepji
b. Harga ghal Ghawdex fis-6 ta' Settembru 2011.

Is-seduta ghalqet fis-7.00 ta' filghaxija.

M.Cohen
Sindku

S Galea Iriele
Seg Ezekuttiv